MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 41/2009

**A B C**

**-vs-**

**D E;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Louisa Tufigno b'digriet tas-6 ta' Marzu 2009 gew mahtura bhala Kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri F E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u minn din ir-relazzjoni twieldet tarbija li llum ghandha erba' (4) xhur u jisimha F E u dan skont l-anness certifikat tat-twelid Dok. "A";

Illi l-esponenti ddikjara bis-sahha ta' dikjarazzjoni guramentata illi din it-tarbija hija wild naturali tieghu u dan a bazi ta' Dok. "B";

Illi l-esponenti jixtieq illi jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali tat-tarbija;

Illi l-esponenti ukoll jixtieq li jkollu access adekwat halli jkun jista' jara lit-tifla tieghu;

Illi l-esponenti ukoll kien baghat ittra ufficjali datata 27 ta' Ottubru 2008 ai termini ta' l-artiklu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-intimata kienet notifikata b'din l-ittra ufficjali u fit-terminu moghti lilha skont il-Ligi ma opponietx ghal din l-ittra ufficjali;

Illi l-esponenti kemm-il darba pprova jirranga bonarjament u xorta l-intimata ma riditx tasal ghall-ebda ftehim u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-esponenti gie awtorizzat sabiex jipprocedu bil-kawza u dan skont id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant, il-konvenuti talbu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, l-esponenti A B C huwa l-missier naturali tal-minuri F E;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri F E f'dik il-parti indikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier it-tarbija huwa "unknown" jitnizzlu l-kliem A B C;

Tordna lill-initmata D E taghti access adekwat lill-esponenti halli l-istess rikorrenti jkun jista' jghaddi z-zmien mal-minuri F E.

Bl-ispejjez kontra l-intimati illi huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta mahlufa ta’ D E, li wiegbet:

Illi, preliminarjament, u in kwantu ghat-tielet talba attrici, din ghandha tigi meqjusa bhala wahda intempestiva u ghandha tigi michuda minnufih minn din il-Qorti u dana billi l-Qorti qatt ma tista’ tasal ghall-gudizzju fuqha fl-istess kawza qabel ma tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet attrici;

Illi l-konvenuta tistrieh fuq it-test xjentifiku tal-paternita’ in kwantu ghall-ewwel zewg talbiet attrici;

Illi sta ghall-attur li jipprova dak li qed tallega fir-rikors mahluf promotorju tieghu;

Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, jekk ikun il-kaz li l-Qorti tilqa’ t-tielet talba attrici din ghandha taghmel dan fl-aqwa interess tal-minuri u tiehu s-salvagwardji opportuni u mehtiega ta’ kif ghandu jigi ezercitat tali access mill-attur wara li tiehu c-cirkostanzi u l-provi kollha opportuni in konsiderazzjoni f’dan ir-rigward.

Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Rat ir-risposta mahlufa ta’ Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Louisa Tufigno bhala Kuraturi deputati in rapprezentanza tal-minuri F E, li wiegbu:

Illi f’dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament, fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li r-rikorrenti jispecifika d-dettalji personali tieghu sabiex jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid relattiv. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

Illi fir-rigward tat-tielet talba dedotta fir-rikors, l-esponent mhux il-legittimu kontradittur.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x’jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat is-sentenza taghha tat-22 ta’ Marzu 2011, li permezz taghha, il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti u ghar-rigward tat-tielet talba, idderigiet lill-partijiet jersqu ghall-process ta’ medjazzjoni.

Rat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet wara l-process ta’ medjazzjoni u redatt f’kuntratt iffirmat fis-27 ta’ Frar 2012 u awtorizzat minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi t-tielet talba tar-rikorrenti kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-27 ta’ Frar 2012 li l-Qorti tqis li jifforma parti minn din id-decizjoni.

L-ispejjez jibqghu, kwantu ghall-ewwel zewg talbiet kif deciz fis-sentenza tat-22 ta’ Marzu 2011 u kwantu ghat-tielet talba, kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------